i) Tiddikjara illi l-intimat esegwiex l-appalt mogħti lilu mis-soċjetà rikorrenti dwar xogħol fis-saqaf tal-fond magħruf bħala Ellul's Garage, immarkat bl-ittra 'I' u bin-numru wieħed (1) f' John Michael Testa Street, tal-Ħandaq, Qormi, skond is-sengħa u l-arti.

ii) Tiddikjara illi s-soċjetà rikorrenti sofriet danni attwali u oħrajn b'konsegwenza tal-mod ħazin li bih l-intimat esegwixxa x-xogħlijiet fis-saqaf tal-maħżen ossia garaxx kbir magħruf bħala Ellul's Garage, immarkat bl-ittra 'I' u bin-numru wieħed (1) fi Triq John Michael Testa tal-Ħandaq, Qormi.

iii) Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjetà rikorrenti u dana okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

iv) Tikkundanna lill-intimat biex iħallas lis-soċjetà rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Frar 2006, kontra l-intimat li qed jiġi inġunt għas-subizzjoni.

Xhieda.

Elenku tad-Dokumenti.

Intimat: 'Paulmar House', Valletta Road, Luqa.

Ir-Rikors Numru 351/2006, FS fl-ismijiet E.D.D. Ellul Company Limited (C 5949) vs Vella Angelo jinsab differit għall-1 ta' Novembru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus the respondent is to state why for the reasons premised this Honourable Court should not;

i) Declare that the respondent carried the contract of works given to him by the applicant company regarding work in the roof of the premises known as Ellul's Garage marked letter 'I' and with number (1) in John Michael Testa Street, Tal-Ħandaq, Qormi according to the trade and art.

ii) Declare that the applicant company suffered actual and other damages as a consequence of the bad manner in which the respondent carried out the works in the roof of the warehouse or large garage known as Ellul's Garage marked by letter 'I' and with number (1) in John Michael Testa Street, Tal-Ħandaq, Qormi.

iii) To liquidate all the damages suffered by the applicant company and this if necessary by the appointment of referees.

iv) To condemn the respondent to pay the applicant company all the damages so liquidated.

With costs including those of the judicial letter of the 1st February 2006 against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

Witnesses.

List of Documents.

Respondent:'Paulmar House' Valletta Road, Luqa.

The application Number 351/2006 FS, in the names E. D.D. Ellul Company Limited (C 5949) vs Vella Angelo has been put off to the 1st November 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 18th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1158

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, tas-6 ta' Lulju 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Joseph Borg u Antoinette Borg Ferrando ta' 4, Triq Mons De Piro Street, il-Ħamrun, ippreżentaw Talba fit-30 ta' April 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Francis Camilleri Woodworks ta' Kitmel, Triq in-Naħal, Ħal Qormi, sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' elf u mitt lira Maltija

It is hereby notified that by a decree of the Consumer Claims Tribunal of 6th July 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Joseph Borg and Antoinette Borg Ferrando of 4, Triq Mons De Piro Street, Ħamrun, filed a Claim on the 30th April 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Francis Camilleri Woodworks of Kitmel, Triq in-Naħal, Qormi, to pay the plaintiff the sum of one thousand one hundred Maltese

(Lm1,100) liema ammont huwa dovut lill-atturi.

Il-kawża (CCT 125/06) hija differita għall-5 ta' Settembru 2006 fil-11.45 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 18 ta' Lulju 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

liri (Lm1,100) which amount is due to the plaintiffs.

The case (CCT Number 125/06) is put off on the 5th September 2006 at 11.45 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 18th July 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1159

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, tas-6 ta' Lulju 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Joseph Mifsud ta' Joppa, 7 Triq Ġann Marì Abela, Dingli RBT04, ippreżentaw Talba fit-30 ta' Ġunju 2006, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joseph Zahra ta' Quadrant, Charles Court, Nru. 19, St Luke's Road, Guardamangia, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' mitejn u erbgħin lira Maltija (Lm240) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Il-kawża (CCT 125/06) hija differita għas-26 ta' Settembru 2006 fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 18 ta' Lulju 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Consumer Claims Tribunal of 6th July 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Joseph Mifsud of Joppa, 7 Triq Ġann Marì Abela, Dingli, filed a Claim on the 13th June 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Joseph Zahra of Quadrant, Charles Court, No. 19, St Luke's Road, Guardamangia to pay the plaintiff the sum of two hundred and forty Maltese liri (Lm240) which amount is due to the plaintiff.

The case (CCT Number 150/06) is put off on the 26th September 2006 at 11.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 18th July 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1160

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ġunju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 3000/05 ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 28 ta' Ġunju 2005

Lil: Anthony Gauci, personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Carmelo Gauci Ltd.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' disgħa u ħamsin elf, mitejn u sitta Liri Maltin (Lm59,206.00) dovuti kwantu għal Lm18,532.00 bħala somma minnu stabbilita skond ir-regola

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 8th June 2006, in the records of the judicial letter number 3000/05 ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 28th June 2005.

To: Anthony Gauci, personally and as director in the name and in representation of the company Carmelo Gauci Ltd.

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of fifty nine thousand, two hundred and six Maltese Liri (Lm59,206.00) due as for Lm18, 532.00 as sum established by him according to

24 tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-Final Settlement System (Avviż Legali 88/98) u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, kif ukoll Lm32,156.00 bħala somma minnu stabbilita skond l-Artikolu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) bħala ammont totali ta' tnaqqis li kellu jsir mill-pagi u s-salarji ta' l-impjegati ta' Carmelo Gauci Ltd, matul il-perjodu Snin Bażi 2000, 2001, 2002 dwar liema xhur ma' saritx rimessa kif meħtieġ skond ir-Regola 15(1) ta' l-istess Regoli kif ukoll skond l-artikolu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) u kwantu għal Lm5,118 bħala Taxxa Addizzjonali imposta skond ir-regola 2(1) tar-Regoli 1998 dwar il-Final Settlement System u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u kwantu għal Lm3,400.00 bħala Kontribuzzjoni Addizzjonali imposta skond l-Artikolu 116(1) (b) ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) u dan kif jirriżulta mill-Avviż li kopja tiegħu tinsab hawn unita 'animo ritirandi' u mmarkata'Dok A'.

Fin-nuqqas ta' ħlas fi żmien jumejn fuq imsemmi, l-mittent iwissik illi ai termini tà l-Artikoli hawn fuq imsemmija huwa jgħaddi biex b'atti eżekuttivi, jesegwixxi l-kreditu tiegħu immedjatament.

Illum 28 ta' Ġunju 2005

Ippreżentat mill-PL b' Dok 1.

Mittent; Dipartiment tat-Taxxi Interni Floriana.

Intimat; Mr. Anthony Gauci
Carmelo Gauci Ltd
c/o 58/3 Main Street, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

regulation 24 of the Regulations of 1998 regarding the Final Settlement System (Legal Notice 88/98) and the Act of 1994 regarding the Administration of Tax, as well as Lm32, 156.00 as sum established by him according to Article 118 of the Social Security Act (Chapter 318) as global amount of deduction which had to be made from the wages and salaries of the employees of Carmelo Gauci Ltd during the period Basis Years 2000, 2001, 2002, regarding which months no remittance was made according to Regulation 15(1) of the same Regulations as well as article 116 of the Social Security Act (Chapter 318) and as for Lm5,118 as Additional Tax imposed according to regulation 2(1) of he Regulations 1998, regarding the Final Settlement System imposed according to regulation 2(1) of the Regulations 1998 regarding the Final Settlement System and the Act of 1994 regarding the Administration of Tax and as for Lm3,400.00 as Additional Contribution imposed according to Article 116(1) (b) of the Social Security Act (Chapter 318) and this as results from the Notice a copy of which is hereby attached 'animo ritirandi' and marked 'Doc A'.

Failing payment within the two days above mentioned, the interpellant warns you that in terms of Articles above mentioned he shall pass so that by executive acts, he passes on to execute his credit immediately.

Today 28th June 2005

Filed by LP With one Doc.

Interpellant: Department of Inland Revenue Floriana.

Respondent: Mr. Anthony Gauci
Carmelo Gauci Ltd
c/o 58/3 Main Street, Sliema.

Registry of the Superior Courts, today 18th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1161

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ġunju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 8632/05 fl-ismijiet Paul & Rocco (Gżira) Limited vs John Debono ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 30th June 2006, in the records of the judicial letter number 8632/05 in the names Paul & Rocco (Gżira) Limited vs John Debono ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 11 ta' Ottubru 2005

Lil John Debono
Manor Court, Block G
Penthouse 10
Triq il-Maskli
San Pawl il-Baħar.

Lil Carmela Debono
Manor Court, Block G,
Penthouse 10
Triq il-Maskli
San Pawl il-Baħar.

Bil-preżenti s-soċjetà Paul & Rocco (Gżira) Limited (C 2661) ta' Msida Road, Gżira qed tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dan l-att intkom thallsu s-somma ta' tlett elef seba' mija u tlieta u ħamsin lira Maltin u tletin ċenteżmu (Lm3,753.30) rappreżentanti import ta' żewġ (2) kambjali ffirmati minnkom liema kambjaliet skadew fit-28 ta' Frar 2005 u fil-31 ta' Awissu 2005 (li kopja ta' dawn il-kambjali skadew fit-28 ta' Frar 2005 u fil-31 ta' Awissu 2005 (li kopja ta' dawn il-kambjali qed tiġi hawn annessa iżda baqgħu ma thallsux lis-soċjetà esponenti li hija kreditriċi tagħkom fis-somma fuq indikata ta' Lm3,753.30 u dana oltre l-imgħax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data effettiv tal-pagament.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titoli eżekuttivi tagħha hawn indikati u dana ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi intom qed tiġu informati illi a tenur ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 intom għandkom id-dritt fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' dan l-att biex tipperżentaw Rikors sabiex topponu l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali.

Fin-nuqqas li taderixxu ma' dina l-intima s-soċjetà mittenti se tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi tagħha u dana ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 11th October 2005

To John Debono
Manor Court, Block G
Penthouse 10
Maskli Street
Saint Paul's Bay.

To Carmela Debono
Manor Court, Block G,
Penthouse 10
Maskli Street
Saint Paul's Bay.

By the present the company Paul & Rocco (Gżira) Limited (C 2661) of Msida Road, Gżira is calling upon you so that within two days from the date of service of this act you pay the sum of three thousand seven hundred and fifty three liri and thirty cents (Lm3,753.30) representing import of two (2) bills of exchange signed by you which bills of exchange lapsed on the 28th February 2005 and on the 31st August 2005 (a copy of these bills of exchange lapsed on the 28th February 2005 and on the 31st August 2005 (a copy of which bills of exchange is hereby attached but were not paid to the applicant company which is your creditor in the sum above indicated of Lm3,753.30 and this besides interest from the date of maturity of each bill of exchange till the date of effective payment.

By the present the interpellant company is rendering executable the executive tile it has above indicated and this in terms of Article 253 (e) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of Article 253 (e) of Chapter 12 you have the right within twenty (20) days from the service of this act to file an Application to oppose the execution of these bills of exchange.

Failing to abide by this calling the interpellant company shall pass to execute the executive titles it has against you and this in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

This judicial letter is required in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

This judicial letter is required in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Bl-ispejjeż.

Notifika: John Debono Manor Court Block G Penthouse 10, Triq il-Maskli, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 18 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs.

Notify: John Debono Manor Court Block G Penthouse 10 Maskli Street, Saint Paul's Bay.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 18th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1162

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi b' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-18 ta' Lulju 2006, minn Anthony Mayo u l-Professur Peter Mayo, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwoti ugwali bejniethom is-SUĊĊESSJONI ta' Antonia Mayo, omm ir-rikorrenti, armla ta' Sidney Mayo, bint il-mejtin Pietro Farrugia u Maria Farrugia neè Debono, imwielda Marsa u kienet toqgħod San Giljan, u mietet Pietà fil-5 ta' April 2006, ta' 84 sena bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x' jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 19 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an Application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 18th July 2006, by Anthony Mayo and Professor Peter Mayo, whereby they asked that it be declared in their favour in equal shares between them, the SUCCESSION of Antonia Mayo, mother of the applicants, widow of Sidney Mayo, daughter of the late Pietro Farrugia and Maria Farrugia neè Debono, born in Marsa and residing in Saint Julians, and who died, intestate, in Pietà on the 5th April 2006, aged 84, and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 19th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1163

Ikun jaf kulħadd illi b' digriet mogħti fit-28 ta' Ġunju 2006, il-Qorti Ċivili Prim'Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi.

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju 2006, fuq talba ta' Keith Pace ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-eredità ta' Benjamino Sultana, fl-atti taċ-Ċedola ta' Fidi ta' ċens fl-ismijiet Keith Pace vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' l-esponenti Keith Pace et, ir-rikorrenti espona bir-rispett;

It is hereby notified that by a decree of the 28th June 2006, the Civil Court First Hall, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators.

Republic of Malta.

To the Marshal of the Court.

Whereas by a decree given by this Court on the 28th June 2006, following a request of Keith Pace it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the estate of Benjamino Sultana, in the records of the Schedule of Redemption of ground rent in the names Keith Pace vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and contestual redemption of ground rent of the applicant Keith Pace et, the applicant pleaded with respect;

Illi l-esponenti huwa l-proprjetarju ta' l-utile dominium perpetwu tal-fond urban u cioè maisonette bin-numru uffiċjali disgħa (9) (ġa bin-numru mhux uffiċjali tlieta (3) bl-isem mhux uffiċjali ta' 'Bambinella' formanti parti minn Blokk 'D' , bla numru uffiċjali, fi Triq Daħlet iċ-Ċipress (ġa Triq ġdida fi Triq Annibale Preca), Ħal Lija, Malta, liema fond huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu għall-ammont ta' ħames Liri Maltin (Lm5).

Illi l-imsemmi fond in kwistjoni kien ġie akkwistat mill-esponenti bis-saħħa ta' att ta' kompra-vendita magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja tat-tletin jum ta' Ottubru tas-sena elfejn (30–X-2000). IIli l-att tal-konċessjoni enfitewtika oriġinali kien ġie ppubblikat minn Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona u huwa datat il-ħamsa u għoxrin jum ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sittin (25-1-1967).

Illi kemm l-imsemmi att ta' konċessjoni enfitewtika oriġinali ppubblikat minn Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona u huwa datat il-ħamsa u għoxrin jum ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sittin (25-1-1967) u kif ukoll l-att ta' l-akkwist da parti ta' l-esponenti ppubblikata minn Nutar Dottor Mario Bugeja tat-tletin jum ta' Ottubru tas-sena elfejn (30-X-2000) jistipulaw illi l-fidwa ta' l-imsemmi ċens għandha sseħħ bir-rata kapitalizzata ta' erbgħa fil-mija (4%) fuq iċ-ċens relattiv.

Illi l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruħu mid-dritt mogħti lilu mill-Artikolu elf ħames mija u wieħed (Art. 1501) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk jifdi ċ-ċens relattiv gravanti l-imsemmi fond urban.

Illi stante dana kollu, iċ-ċens annwu u perpetwu għall-ammont ta' ħames Liri Maltin (Lm5) kapitalizzat bir-rata ta' erbgħa fil-mija (4 %) kir regolata fl-imsemmija atti tammonta għas-somma ta' mija u ħamsa u għoxrin Maltin (Lm125).

Għaldaqstant l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u jiddepożitaw l-imsemmija somma ta' mija u ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm125) sabiex din tiġi liberament żbankata mill-intimati wara illi titħalla d-debita riċevuta.

Depożitant: 9, Blokk D, Triq Daħlet iċ-Ċipress, Ħal Lija, Malta.

Intimat: Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Valletta, Malta.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana , jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel

That the applicant is the owner of the perpetual utile dominium of the urban tenement and that is the maisonette with official number nine (9) (previously having unofficial number three (3) with the unofficial name of 'Bambinella' forming part of Block 'D', without official number, in Daħlet iċ-Ċipress Street, (previously New Street in Annibale Preca) Ħal Lija, Malta, which premises is subject to the annual and perpetual groundrent of five Maltese Liri (Lm5).

That the said premises in question was acquired by the applicant in virtue of a deed of sale in the records of Notary Dr. Mario Bugeja of the thirteeth day of October of the year two thousand (30-X-2000). That the deed of original empyhteutical concession was published by Notary Dr. Alexander Sceberras Trigona and is dated twenty-fifth day of January of the year one thousand nine hundred and sixty seven (25-1-1967).

That both the said deed of original empyhteutical concession published by Notary Dr. Alexander Sceberras Trigona and is dated twenty fifth day of January of the year one thousand nine hundred and sixty seven (25-1-1967) as well as the deed of acquisition on the part of the applicant published by Notary Dr.Mario Bugeja of the thirteeth day of October of the year two thousand (30. X.2000) stipulate that the redemption of the said groundrent capitalized at four per cent (4%) on the relative groundrent.

That the applicant wishes to avail himself of the right given to him by Article one thousand five hundred and one (Art. 1501) of the Civil Code of Malta, Chapter sixteen (16) of the Laws of Malta and thus redeem the relative groundrent on the said urban premises.

That despite of all this the annual and perpetual groundrent for the amount of five Maltese Liri (Lm5) capitalized at the rate of four per cent (4%) as regulated in the said acts amounts to the sum of one hundred and twenty five Maltese Liri (Lm125).

Thus the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and are depositing the said sum of one hundred and twenty five Maltese Liri (Lm125) so that it be freely withdrawn from the respondents after leaving the due receipt.

Depositor: 9, Block D, Daħlet iċ-Ċipress Street, Ħal Lija, Malta.

Respondent: Public Registry, Merchants Street, Valletta, Malta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any

fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu , inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti .

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onorevoli Imħallef Geoffrey Valenzia, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum, 28 ta' Ġunju 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned First Hall of the Civil Court with the witness of the Honourable Mr. Justice Geoffrey Valenzia, LL.D., Doctor of Laws.

Today, 28th June 2006.

Registry of the Superior Courts, today 19th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1164

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Mejju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali 11408/05, fl-ismijiet Paul & Rocco (Marsa) Ltd vs Stephen Galea ordnat is-segwenti pubbikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' Novembru 2005, fl-ismijiet Paul & Rocco (Marsa) Limited vs Stephen Galea, is-soċjetà Paul & Rocco (Marsa) Limited (2661) ta' Cross Road, il-Marsa qed tinterpellak sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dan l-att inti tħallas is-somma ta' seba' mija tmienja u sittin Lira Maltin (Lm768) rappreżentanti import ta' sitt (6) kambjali ffirmati minnek, liema kambjali skadew fit-3 ta' Ġunju 2005, fit-3 ta' Lulju 2005, fit-3 ta' Awissu 2005, fit-3 ta' Settembru 2005, fit-3 ta' Ottubru 2005, fit-3 ta' Novembru 2005 (li kopja ta' dawn il-kambjali qed tiġi hawn annessa) iżda baqgħu ma tħallsux lis-soċjetà esponenti li hija kreditriċi tiegħek fis-somma fuq indikata ta' Lm768 u dana oltre l-imgħax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data effettiva tal-pagament.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titoli eżekuttivi tagħha hawn indikati u dana ai termini ta' l-Artikolu 253 (E) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet u effetti kolha tal-liġi inti qed tiġi informat illi a tenur ta' l-Artikolu 253(E) tal-Kap. 12 inti għandek id-dritt fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' dan l-Att biex tipperżenta Rikors sabiex topponi l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjalijiet.

Fin-nuqqas li taderixxi ma' dina l-intimazzjoni s-soċjetà se tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttiv tagħha u dana ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 19 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 15th May 2006, in the records of the judicial letter 11408/05, in the names Paul & Rocco (Marsa) Ltd vs Stephen Galea ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter, filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 23rd November 2005, in the names Paul & Rocco (Marsa) Limited vs Stephen Galea, the company Paul & Rocco (Marsa) Limited (C 2661) of Cross Road, Marsa, is calling upon you so that within two days from the date of service of this act you pay the sum of seven hundred and sixty eight Maltese Liri (Lm768) representing value of six (6) bills of exchange signed by you which bills of exchange lapsed on the 3rd June 2005, 3rd July 2005, on the 3rd August 2005, 3rd September 2005, 3rd October 2005, on the 3rd November 2005, (a copy of which bills of exchange is hereby attached) but were not paid to the applicant company which is your creditor in the sum above indicated of Lm768 and this besides interest from the date of maturity of each bill of exchange till the date of effective payment.

By the present the interpellant company is rendering executable the executive titles here indicated and this in terms of Article 253(E) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of Article 253(E) of Chapter 12 you have a right so that within twenty (20) days from the date of service of this Act to file an Application to oppose the execution of these bills of exchange.

Failing to adhere with this calling the company shall pass to the execution of its executive titles and this in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

This judicial letter is quired in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) on the 19th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1165

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Lulju 2006, fl-atti tal-Ittra 1315/05 JSF, fl-ismijiet John Debono vs Carmen Debono, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat John Debono, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Ġunju 2006, minn Carmela Debono, ir-rikorrenti esponiet bir-rispett;

Illi l-każ premess kien qed jiġi ttrattat quddiem medjatur Mr. Julian Sant Fournier u l-partijiet ilhom diversi xhur fi trattativi għall-ftehim ta' separazzjoni bonarja anke permezz ta' diversi abbozzi u ammendi skambjati.

Illi iżda l-esponenti saret taf li fil-mori u ad insaputa tagħhha, l-istess intimat ipproċeda biex iddispona mid-dar matrimonjali residenza tagħhom u cioé mill-appartament ossia penthouse 10A Block G Manor Court fi Triq l-Maskli il-Qawra;

Illi dan saret tafu meta l-intimat bla kliem u bla sliem beda jippakkjalha ħwejjiġha u l-oġġetti tagħha f'kaxex u qallha li kellha toħroġ mid-dar għax biegħha.

Illi l-esponenti skopriet li l-intimat kien iffirma kuntratt ta' bejgħ tad-dar matrimonjali msemmija fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion, fl-4 ta' Jannar 2006 (Dok A);

Illi l-esponenti tirrileva li n-Nutar Malcolm Mangion jifforma parti mill-uffiċċju tan-Nutar Charles Mangion, li kien in-Nutar tagħhom u li jaf ben tajjeb bis-sitwazzjoni tal-partijiet u li d-dar imsemmija kienet ir-residenza tagħhom;

Illi fil-fatt l-esponenti ġa ppreżentat rikors ġuramentat fit-12 ta' Ġunju 2006, fl-ismijiet Carmela Debono vs John Debono et, li permezz ta' l-istess qed titlob li l-bejgħ jiġi rexiss (Dok B);

Illi l-esponenti kienet ukoll ippreżentat mandat kawtelatorju (Dok C) meta kien deher ċar li żewġha ma kienx interessat iżjed li jiftiehem, liema mandat, li inter alia jinibixxi lil żewġha milli jiddisponi mid-dar matrimonjali minkejja li kienet reġistrata f' isem kumpanija Bond Street Limited kien ġie milqugħ. Ovvjament żewġha kien laħaq aġixxa in mala fede u l-effetti ta' dan il-mandat kienu tardivi.

Illi kif jirriżulta mill-atti hawn esebiti l-penthouse ilha r-residenza tal-partijiet bħala d-dar konjugali tagħhom minkejja li kienet reġistrata bħala proprjetà ta' soċjetà Bond Steeet Limited, f' liema soċjetà l-intimat għandu controlling interest u ġġestiha bħala tiegħu;

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 12th July 2006, in the records of the Letter 1315/05 JSF, in the names John Debono vs Carmen Debono, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent John Debono, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) on the 23rd June 2006, by Carmela Debono, the applicant pleaded with respect;

That the case premised had been heard before a mediator Mr. Julian Sant Fournier and the parties have for long months be in discussions for agreement of a consensual separation even by means of various drafts and amendments which were exchanged.

But the applicant came to know that during the proceedings and without her knowing the respondent proceeded to dispose of the matrimonial home, their residence, and that is the apartment or rather penthouse 10A Block G Manor Court in Maskli Street, Qawra.

That she came to know this when the respondent all of a sudden started to pack her clothes and belongings in boxes and he told her that she had to leave the house because he sold it.

That the applicant discovered that the respondent had signed a contract of sale of the matrimonial home mentioned in the records of Notary Malcolm Mangion on the 4th January 2006 (Doc A);

That the applicant points out that Notary Malcolm Mangion forms part of the office of Notary Charles Mangion who was their Notary and who knows well about the situation of the parties and that the matrimonial home was their residence;

That in fact the applicant has already filed a sworn application on the 12th June 2006, in the names Carmela Debono vs John Debono et in virtue of which she is asking that the sale be rescinded (Doc B);

That the applicant had also filed a Precautionary Warrant (Doc C) when it appeared clear that her husband was no longer interested to come to an agreement, which warrant inter alia prohibits her husband from disposing of the matrimonial home despite that it was registered in the name of the company Bond Street Limited, was upheld. Obviously her husband had acted in bad faith and the effects of this warrant had elapsed.

That as results from the records herein exhibited the penthouse has been the residence of the parties as their conjugal home, despite that it was registered as property of the company Bond Street Limited, in which company the respondent has a controlling interest and operates it as his own;

Illi fil-fatt din il-penthouse lanqas biss kienet ipotekata u għandha valur ferm ogħla minn dak iddikjarat fil-kuntratt;

Illi jirriżulta li l-intimat aġixxa b'riżoluzzjoni unika tul dawn ix-xhur u cioé li jisvestiha minn ħwejjiġha u litteralment jiddisponi mill-assi tagħhom b' dannu u preġiudizzju għaliha;

Illi bl-istess risoluzzjoni baqa' għaddej bil-pjanijiet tiegħu filwaqt li tawwal il-proċeduri ta' medjazzjoni, daħħal Lm100,000 fuq il-kuntratt fl-4 ta' Jannar 2006, probabbilment daħħal somma oħra fis-26 ta' April 2006 (id-data meta suppost ikkonsenja ċ-ċwievet ta' l-appartament) u saħansitra ħadilha l-karozza tagħha biex litteralment tibqa b'xejn.

...Omissis...

Illi l-esponenti għandha dritt u interess li titlob il-protezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti biex tibqa' fir-residenza ossia fid-dar matrimonjali tagħha fil-mori tal-proċeduri u ma hemm ebda possibilità li jistgħu jikkoabitaw minħabba theddid serju kontra s-sigurtà tagħha;

...Omissis...

Illi jiġi rilevat li minkejja li qal li biegħ id-dar fis-16 ta' Ġunju 2006, reġa' daħal jabita fid-dar u biddel is-serratura biex hi ma tidħolx u baqa' ma daħħalhiex minkejja l-assistenza tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1) Tillikwida retta alimentarja pendent lite għaliha fl-ammont ta' mitt lira Maltija fil-ġimgħa (Lm100) u tordna lill-intimat iħallasha din ir-retta hekk likwidata;

2) Tawtorizzaha tabita fid-dar matrimonjali ossia penthouse 10A Manor Court, Block G Triq il-Maskli, Qawra, ad esklużjoni ta' l-intimat u tordna lill-istess intimat sabiex jivvaka din id-dar fi żmien qasir u perentorju lilu mogħti.

3) Bl-ispejjeż.

Notifika; John Debono 10 A Block G Manor Court Triq il-Maskli Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) illum 20 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That in fact this penthouse was not even hypothecated and has a much higher value than that declared in the contract;

That it resulted that the respondent acted in virtue of one resolution during these last months and that is that, he divests her of her property and literally disposes of their assets to her detriment and damage;

That in virtue of the same resolution he continued with his plans whilst he delayed the mediation procedures, he received the sum of Lm100,000 on the contract of the 4th January 2006, probably he received another sum on the 26th April 2006 (the date when he should have delivered the keys of the apartment) and he even took her car so that she would have anything.

...Omissis...

That the applicant has a right and interest to ask for the protection of this Honourable Court to remain in her residence or rather matrimonial home during these proceedings and there is no possibility that they can cohabit due to serious threats against her security;

...Omissis...

That it is to be pointed out that although he said that he sold the house on the 16th June 2006 he continued to live in the house and changed the lock so that she does not enter and he did not allow her to go in despite of the assistance of the Police.

Thus the applicant prays with respect this Honourable Court so that;

1) It liquidates the adequate maintenance pendent lite for her in the amount of one hundred Maltese Liri per week (Lm100) and orders the respondent to pay her the said maintenance so liquidated;

2) To authorize her to live in the matrimonial home or rather penthouse 10A, Manor Court, Block G Maskli Street, Qawra, to the exclusion of the respondent and to order the same respondent to vacate this house within a short and peremptory period given to him.

3) With costs.

Notify: John Debono 10A Block G Manor Court, Maskli Street, Qawra, limits of Saint Paul's Bay.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 20th July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*